C/2025/6530

4.12.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12195 - ARCMONT / HPS / DAINESE)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6530)

1. Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Arcmont Asset Management Limited ("Arcmont", ir-Renju Unit) fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Teachers Insurance and Annuity Association of America's (l-Istati Uniti)

— HPS Investment Partners, LLC ("HPS", l-Istati Uniti), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn BlackRock, Inc. (l-Istati Uniti)

— Dainese S.p.A ("Dainese", l-Italja), ikkontrollata minn Carlyle Group Inc. (l-Istati Uniti)

Arcmont u HPS se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Dainese kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Arcmont hija ditta Ewropea tal-ġestjoni tal-assi tad-dejn privat, li tikkontrolla fost l-oħrajn lil Schuberth GmbH, attiva fil-manifattura u l-provvista ta' elmi tal-muturi.

— HPS hija ditta ta' investiment globali ffukata fuq kreditu alternattiv.

— Dainese hija kumpanija Taljana li tiddisinja u timmanifattura ħwejjeġ u tagħmir protettiv għall-isport dinamiku, bħall-motoċikliżmu, iċ-ċikliżmu u l-iskijjar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12195 — ARCMONT / HPS / DAINESE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË